

Brussell, 14 ta' Lulju 2026
(OR. en)

11906/26

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0156 (COD)

UD 214
CODEC 1452
ENFOCUSTOM 90
ECOFIN 1018
MI 782
COMER 114
TRANS 500
FISC 259
IA 205
RESPR 31

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	13 ta' Lulju 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 362 final
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL skont l-Artikolu 278(a) tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, dwar il-progress fl-iżvilupp tas-sistemi elettroniċi previsti fil-Kodiċi

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2026) 362 final.

Mehmuż: COM(2026) 362 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 13.7.2026
COM(2026) 362 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

**skont l-Artikolu 278(a) tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, dwar il-progress fl-iżvilupp tas-
sistemi elettroniċi previsti fil-Kodiċi**

{SWD(2026) 180 final}

Werrej

1. Introduzzjoni	2
2. Sommarju eżekuttiv.....	4
3. Kontenut tar-Rapport.....	5
4. Ir-responsabbiltajiet għall-implimentazzjoni diġitali tal-KDU	6
5. Ħarsa globali lejn il-progress bis-sistemi elettroniċi tal-KDU	7
5.1 PROĠETTI LI TLESTEW QABEL L-2025	7
5.2 IL-PROGRESS TAL-PROĠETTI FL-2025	8
5.3 RISKJI U MIŻURI TA' MITIGAZZJONI	18

1. INTRODUZZJONI

Dan id-dokument jikkostitwixxi r-rapport ta' progress annwali dwar l-implimentazzjoni diġitali tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni¹ (KDU) għas-sena 2025 u huwa **s-seba' u l-aħħar rapport** stabbilit mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 278(a) tal-KDU dwar il-progress fl-iżvilupp tas-sistemi elettronici².

Il-KDU daħal fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2016 u, wara l-emenda tiegħu fl-2019³, jistabbilixxi l-iskadenzi tal-2020, tal-2022 u tal-2025 għat-tlestija progressiva tal-proġetti f'termini tat-tranżizzjoni diġitali u l-implimentazzjoni tal-KDU. Matul il-perjodu ta' tranżizzjoni, is-sistemi elettroniċi u dawk stampati eżistenti jistgħu jintużaw għat-tlestija tal-formalitajiet doganali (l-hekk imsejħa "miżuri tranżizzjonali") sakemm is-sistemi elettroniċi l-ġodda jew dawk aġġornati previsti taħt il-KDU jkunu operazzjonali.

F'dan il-kuntest, il-Programm ta' Ħidma tal-KDU⁴ (il-WP tal-KDU) u r-Regolament ta' Implimentazzjoni dwar l-Arranġamenti Tekniċi għas-sistemi elettronici⁵ (IRTA) għandhom jinqraw flimkien mal-KDU u l-atti delegati u ta' implimentazzjoni tiegħu.

Il-WP tal-KDU huwa l-istrument legali biex imexxi l-proċess ta' tranżizzjoni tridimensjonali gradwali u kumpless lejn ambjent doganali kompletament diġitali, filwaqt li jitqiesu l-interdipendenzi bejn is-sistemi u s-sitwazzjoni tal-iżvilupp reali. Huwa l-istrument użat biex imexxi lill-partijiet ikkonċernati fil-proġetti (l-Istati Membri, il-Kummissjoni, l-operaturi ekonomiċi) lejn implimentazzjoni komuni u fattibbli tal-proġetti sal-31 ta' Diċembru 2025 bħala d-data tat-tmiem finali tat-tranżizzjoni diġitali. L-IRTA jiddefinixxi l-arranġamenti tekniċi għal kull waħda mis-sistemi f'termini ta' komponenti, responsabbiltajiet, aċċess għad-data u tranżizzjoni teknika.

Dan ir-rapport huwa bbażat fuq il-WP tal-KDU, adottat mill-Kummissjoni fil-15 ta' Diċembru 2023, bħala l-linja bażi għar-rapportar tal-progress. L-aspetti tal-governanza tal-programm u tal-proġett huma definiti fil-Pjan Strateġiku Pluriennali għad-Dwana (MASP-C). **Ir-rapport ikopri l-progress li sar matul is-snin biex tinkiseb dwana kompletament diġitali fl-Unjoni Ewropea fl-2025, li timmarka l-aħħar sena tal-implimentazzjoni tal-KDU.**

Filwaqt li l-KDU jistabbilixxi l-bażi legali għal qafas doganali kompletament diġitali u armonizzat madwar l-Unjoni Ewropea u l-fruntieri esterni tagħha, l-implimentazzjoni sħiħa u uniformi tiegħu fl-oqsma doganali kollha u fl-Istati Membri kollha tirrappreżenta **prerekwiżit tal-Unjoni Doganali li tiffunzjona tajjeb u ttipprovdi l-pedament għall-fażi li jmiss tar-Riforma Doganali**. Għalhekk huwa essenzjali li l-Istati Membri kollha jlestu s-sehem tagħhom tal-implimentazzjoni tal-KDU attwali biex jiżguraw li l-operaturi ekonomiċi u n-negozjanti jiksibu l-benefiċċju sħiħ qabel ma mmorru għar-Riforma Doganali tal-UE. Fis-17 ta' Mejju 2023, il-Kummissjoni adottat proposta għal riforma komprensiva tal-Unjoni Doganali, inkluż KDU ġdid, u dan jimmarka trasformazzjoni sinifikanti tal-qafas doganali tal-

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1–101.

² Ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill:

2019: <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/ALL/?uri=CELEX%3A52019SC0434>;

2020: <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A52020SC0339>;

2021: <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A52021SC0382>;

2022: <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A52023SC0029>;

2023: <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=COM:2024:395:FIN>;

2024: <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=celex:52025DC0579>.

³ Ir-Regolament (UE) 2019/632 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 952/2013 biex jittawwal il-perjodu taż-żmien tal-użu tranżizzjonali ta' mezzi oħrajn minbarra t-tekniki tal-ipproċessar elettroniku tad-data previsti fil-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, ĠU L 111, 25.4.2019, p. 54–58.

⁴ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/2879 tal-15 ta' Diċembru 2023 li tistabbilixxi Programm ta' Ħidma relatat mal-iżvilupp u l-varar tas-sistemi elettroniċi previsti fil-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, ĠU L 202302879, 22.12.2023, p.1–17, https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=OJ:L_202302879.

⁵ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/512 tat-13 ta' Marzu 2025 dwar l-arranġamenti tekniċi għall-iżvilupp, il-manutenzjoni u t-tħaddim ta' sistemi elettroniċi għall-iskambju u l-ħżin tal-informazzjoni skont ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ĠU L 2025/512, 20.3.2025, p. 1–45, https://eur-lex.europa.eu/eli/reg_impl/2025/512/oj/.

UE⁶. Fis-26 ta' Marzu 2026, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill laħqu ftehim politiku fi trilogu dwar il-proposta tal-Kummissjoni għall-aktar riforma ambizzjuża tar-regoli doganali tal-UE mill-1968 'l hawn. L-abbozz tat-test issa huwa mistenni li jiġi rieżaminat minn esperti legali u lingwistiċi u mbagħad jiġi approvat mill-Kunsill u mill-Parlament Ewropew għall-pubblikazzjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* sa Novembru 2026

Ir-Riforma Doganali hija strutturata abbażi ta' tliet pilastri ewlenin:

- 1) **ġestjoni tar-riskju u kontrolli doganali aktar intelliġenti permezz tal-ħolqien ta' Awtorità Doganali tal-UE u Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE:** din se tiddiġitalizza u tissimplifika l-proċeduri, tnaqqas il-kostijiet u l-burokrazija żejda, tippromwovi approċċ aktar uniformi fil-fruntiera esterna, u tipproteġi aħjar is-Suq Uniku permezz ta' ġestjoni tar-riskju u infurzar aktar b'saħħithom u mmexxija mid-data;
- 2) **sħubija aktar b'saħħitha man-negozju:** sħubija ġdida mal-operaturi kummerċjali bbażata fuq proċessi trasparenti li se jippermettu li l-flussi kummerċjali konformi joperaw mingħajr interazzjoni doganali formali u se jtaffu l-piż amministrattiv relatat;
- 3) **qafas modern għall-kummerċ elettroniku:** reġim doganali tal-kummerċ elettroniku mfassal apposta, li se jagħmel lill-pjattaformi online l-atturi ewlenin biex jiġi żgurat li l-merkanzija mibjugħa online direttament lill-konsumaturi fl-UE tikkonforma mal-obbligi doganali kollha.

Id-dwana għandha rwol vitali fiż-żamma tas-sikurezza tas-Suq Uniku u taċ-ċittadini tiegħu. Bir-Riforma Doganali, id-dwana Ewropea se tkun mġhamra biex tadatta għax-xenarju tal-kummerċ internazzjonali li qed jinbidel malajr. F'dan il-kuntest, ir-riforma tintroduċi diversi miżuri mmirati biex jiġi indirizzat it-tkabbir rapidu fil-kummerċ elettroniku. Sadanittant, **bħala soluzzjoni temporanja**, f'Novembru 2025, il-Kummissjoni u l-Istati Membri qablu li jneħħu l-eżenzjoni mid-dazju li kienet fis-seħħ sa issa għall-pakketti b'valur ta' inqas minn EUR 150 u li jintroduċu dazju ta' EUR 3 fuq dawn il-pakketti, mill-1 ta' Lulju 2026. It-tneħħija tal-limitu għandha l-għan li tiżgura kundizzjonijiet ekwi bejn il-bejgħ permezz tal-kummerċ elettroniku u l-bejgħ tradizzjonali bl-imnut, tirrestawra l-ġustizzja filwaqt li żżomm l-għażla għall-konsumaturi. Barra minn hekk, bil-ftehim fit-trilogu tas-26 ta' Marzu, qed tiġi introdotta **tariffa ta' trattament** fuq oġġetti ta' valur baxx importati fl-UE, biex tikkompensa għall-kostijiet dejjem jiżdiedu għall-awtoritajiet doganali. It-tariffa se tiġi introdotta mhux aktar tard mill-1 ta' Novembru 2026. Ladarba l-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE tkun kompletament operazzjonali, jibdwew japplikaw dazji doganali normali.

Ta' min jinnota li, f'dan l-istadju bl-enfasi politika kollha fuq ir-Riforma Doganali u l-kummerċ elettroniku, **hemm riskju li d-dewmien fl-implimentazzjoni diġitali tal-KDU jiġi injorat bħala sempliċi dewmien tekniku**, iżda l-konsegwenzi sistemiċi ta' dan id-dewmien jistgħu jkunu serji għall-UE. Sistemi ta' esportazzjoni/importazzjoni li ma jaħdmux jew li jiġu varati biss parzjalment jistgħu jwasslu għal konġestjoni f'punti ewlenin ta' ħruġ jew ta' dħul, u b'hekk jinħolqu protesti, fallimenti fis-superviżjoni u dewmien fil-katina tal-provvista. Barra minn hekk, data mhux allinjata tista' twassal għar-rilaxx ta' oġġetti b'riskju għoli (oġġetti b'użu doppju, sanzjonati, importazzjonijiet sottovalutati) biex jiċċirkolaw qabel analiżi sħiħa tar-riskju, inkluż billi tillimita l-kapaċità tal-Kummissjoni li tidentifika problemi u tfassal strateġija ta' reazzjoni fil-ħin.


It-tlestija f'waqtha tal-programm diġitali tal-KDU hija prijorità qawwija sabiex jimmaterjalizzaw il-benefiċċji introdotti għan-negozjanti fil-KDU, pereżempju permezz ta' aktar armonizzazzjoni tal-proċessi, diġitalizzazzjoni mid-disinn, sostnuta minn Mudell tad-Data Doganali tal-UE allinjat u integrat fuq livell internazzjonali, u simplifikazzjonijiet estensivi għan-negozjanti fdati. It-tlestija tal-implimentazzjoni diġitali tal-KDU hija f'dak is-sens kruċjali fl-appoġġ u l-kontribut għar-Riforma Doganali u l-iżvilupp tal-Pjattaforma futura tad-Data Doganali tal-UE, biex jiġi żgurat li s-

⁶ Il-Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni u l-Awtorità Doganali tal-Unjoni Ewropea, u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 (COM/2023/258 final).

simplifikazzjonijiet sinifikanti mwiegħda mir-Riforma Doganali jinbnew fuq bażi soda ta' armonizzazzjoni u diġitalizzazzjoni.

2. SOMMARJU EŻEKUTTIV

L-implimentazzjoni tal-KDU waslet fis-sena finali u deċiżiva tagħha. Mill-adozzjoni tal-Programm ta' Ħidma tal-KDU fl-2014, l-isforz kollettiv tal-Kummissjoni, tal-Istati Membri u tal-operaturi ekonomiċi kien strumentali fil-progress lejn ambjent doganali kompletament diġitali. Sal-bidu tal-2025, 70 % tal-programm ta' ħidma diġitali kien tlesta. Matul l-2025, il-proċess ta' implimentazzjoni kien ikkaratterizzat minn progress sinifikanti u ntlaħqu diversi stadji ewlenin kemm fis-sistemi trans-Ewropej kif ukoll f'dawk nazzjonali, riflessi f'bidla kostanti lejn xenarju ta' implimentazzjoni fil-biċċa l-kbira "ekoloġiku" madwar l-Istati Membri. Dan ir-rapport juri li **l-implimentazzjoni diġitali tal-KDU kważi tlestiet sa tmiem l-2025**, kif irrappreżentat viżwalment fl-Illustrazzjoni 1. Il-proġetti mmarkati bl-aħdar huma lesti; il-proġetti mmarkati bl-oranġjo jindikaw l-oqsma fejn inqas minn 90 % tal-Istati Membri huma lesti, u dawk immarkati bl-isfar jindikaw fejn bejn 90 % u 99 % tal-Istati Membri huma lesti.



Illustrazzjoni 1 – Ħarsa Ġenerali lejn l-Ippjanar

Sal-lum, l-implimentazzjoni diġitali tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (KDU) fil-biċċa l-kbira tlestiet, u l-maġġoranza sostanzjali tas-sistemi tal-KDU issa huma varati u l-Istati Membri qed jaħdmu f'ambjent diġitali tal-KDU kompletament integrat. **96 % tas-sistemi nazzjonali kollha u 100 % tas-sistemi trans-Ewropej ċentralizzati kollha ġew varati sa tmiem l-2025.** L-isfidi li fadal huma limitati u speċifiċi għall-pajjiż u għall-proġett. Dawn ma għadhomx jikkonċernaw l-arkitettura ġenerali tal-KDU iżda huma relatati ma' dewmien residwu jew kwistjonijiet tranżizzjonali f'għadd żgħir ta' Stati Membri. Il-proġett għall-Iżdoganar Ċentralizzat fl-Importazzjoni huwa l-aktar wieħed kritiku. Proġetti oħrajn li jirrikjedu segwitu speċifiku f'xi Stati Membri huma: il-varar tas-sistema nazzjonali għall-Ħażna Temporanja, u s-Sistema Nazzjonali tal-Importazzjoni, kif ukoll il-varar tal-komponent nazzjonali għall-ġestjoni tal-Garanziji, is-Sistema Awtomatizzata tal-Esportazzjoni (mhux ewlenija), is-

Sistema ta' Tranżitu Kompjuterizzata Ġdida – Fażi 5 (mhux ewlenija) u Fażi 6 (taħt deroga sal-31 ta' Mejju 2026) u l-Prova ta' Status tal-Unjoni – Fażi 2 (taħt deroga sal-1 ta' Marzu 2027).

L-attivitajiet li fadal jikkonċernaw prinċipalment it-tlestija tal-aġġornamenti finali minn xi Stati Membri, il-validazzjonijiet tas-sistemi tal-ittestjar jew ta' qabel il-varar, it-tranżizzjoni tal-operaturi ekonomiċi ta' sistemi varati dan l-aħħar, u l-interkonnessjonijiet bejn is-sistemi. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni adottat tliet deċiżjonijiet ta' deroga fl-2025 biex ttipprovdi ċertezza legali u kontinwità tal-operat, primarjament biex tappoġġa t-tranżizzjoni tal-operaturi ekonomiċi għas-sottomissjoni tar-rekwiżiti tas-sigurtà tal-fruntieri tal-UE flimkien mat-tranżitu (ICS2 – Verżjoni 3 u NCTS – Fażi 6) u għas-sottomissjoni tal-manifest tal-merkanzija doganali bħala prova ta' status tal-unjoni (PoUS – Fażi 2). Dawn għadhom limitati fl-ambitu u fl-estensjoni tal-iskeda ta' żmien, u ġew stabbiliti mekkaniżmi ta' monitoraġġ dettaljati biex isegwu mill-qrib il-progress sakemm jitlestew għalkollox.

Barra minn hekk, **fl-2025 il-Kummissjoni ddeċidiet li tieħu azzjonijiet legali kontra total ta' 14-il Stat Membru** talli naqsu milli jissodisfaw l-obbligi tagħhom skont il-KDU u l-atti ta' implimentazzjoni tiegħu. Dawn jikkonċernaw żewġ tipi ewlenin ta' nuqqas ta' konformità: l-ewwel waħda hija relatata mal-varar ta' sistemi diġitali doganali (jiġifieri l-Ħażna Temporanja għat-Trasport bl-Ajru, is-Sistema Nazzjonali tal-Importazzjoni, is-Sistema Awtomatizzata tal-Esportazzjoni, inkluż l-iżgurar tal-prontezza operazzjonali u l-migrazzjoni tas-sistemi tal-operaturi ekonomiċi, li jaffettwaw għaxar Stati Membri b'kollox u t-tieni tikkonċerna t-trażmissjoni tas-sett sħiħ ta' 57 element standardizzat tad-data doganali fil-format meħtieġ permezz tas-Sistema ta' Sorveljanza, li huwa essenzjali għall-ġbir, il-monitoraġġ u l-ġestjoni tar-riskju tad-data doganali tal-UE, li jaffettwaw total ta' 13-il Stat Membru.

L-attivitajiet tal-Kummissjoni fid-dawl ta' taħlita ta' ppjanar, koordinazzjoni, appoġġ lil Stati Membri speċifiċi, monitoraġġ u infurzar irriżultaw effettivi.

Sa tmiem l-2025, il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri kkonċernati rnexxielhom jindirizzaw id-dewmien b'mod xieraq. B'għadd limitat ta' każijiet ta' varar residwu li jestendi sal-2026 u, fi ftit każijiet speċifiċi, sal-2027, id-diskrepanzi li fadal huma identifikati b'mod ċar, marbuta biż-żmien u segwiti mill-qrib. Dawn jew huma koperti minn deċiżjonijiet ta' deroga u/jew soġġetti għal monitoraġġ imsaħħa u, fejn neċessarji, soġġetti għal miżuri ta' infurzar imsaħħa. Madankollu, fl-istess ħin, id-diffikultajiet li jiffaċċjaw l-Istati Membri fl-implimentazzjoni ta' proġetti kritiċi, b'mod partikolari s-sistemi u l-komponenti nazzjonali ssottolinjaw **il-fraġilità ta' avventura konġunta ta' trasformazzjoni diġitali kumplessa li tinvolvi lill-Kummissjoni, lis-27 Stat Membru u lil eluf ta' operaturi ekonomiċi lejn ambitu u data ta' tlestija miftiehma b'mod konġunt.** Dan jirrikjedi l-integrazzjoni ta' sistemi ġodda ma' daww eżistenti u l-interoperabbiltà bejn oqsma differenti bħall-esportazzjoni segwita mit-tranżitu. Il-kumplessità ssir saħansitra aktar kritika meta tkun meħtieġa l-interoperabbiltà ma' programmi diġitali oħrajn ta' trasformazzjoni mhux doganali bħall-ambjent tas-Sistema ta' Single Window Marittima Ewropea.

Meta wieħed iħares lura lejn l-esperjenzi ġenerali fit-trasformazzjoni diġitali u l-implimentazzjoni tal-Programm ta' Ħidma tal-KDU fuq perjodu ta' 10 snin, ġiet identifikata xejra ċara. L-Istati Membri enfasizzaw li l-aktar diffikultajiet sinifikanti li ltaqgħu magħhom biex jirnexxilhom ilestu kienu: (1) strutturi ta' governanza li jippermettu t-teħid ta' deċiżjonijiet f'waqtu, (2) iż-żamma tal-involvement tal-partijiet ikkonċernati, u (3) id-definizzjoni u ż-żamma ta' ambitu ċar.

B'mod ġenerali, l-iskadenza ta' tmiem l-2025 immarkat l-għeluq formali tal-implimentazzjoni diġitali tal-KDU. Issa li l-qafas diġitali ewleni taħt il-KDU huwa operazzjonali fil-livell tal-UE, ġiet irrapportata kisba ewlenija li se ssaħħa il-kontroll tal-fruntieri esterni tal-UE u tal-flussi kummerċjali fi żmien ta' taqlib ġeopolitiku u ġeoekonomiku kbir. L-Unjoni Doganali issa tinsab f'pożizzjoni li tgħaddi mit-tranżizzjoni u t-tweġġi għall-konsolidazzjoni u l-istabbilizzazzjoni, u l-KDU qed jipprovdi pedament sod u kredibbli għar-Riforma Doganali li ġejja.

3. KONTENUT TAR-RAPPORT

Il-proġetti elenkati fil-WP tal-KDU jistgħu jinqasmu fi tliet kategoriji ta' sistemi bbażati fuq id-

definizzjonijiet previsti fl-IRTA⁷:

- i) **Sistemi ċentrali trans-Ewropej** li jridu jiġu żviluppati jew aġġornati mill-Kummissjoni (li ħafna drabi jirrikjedu wkoll żviluppi jew aġġornamenti tas-sistemi nazzjonali mill-Istati Membri);
- ii) **Sistemi deċentralizzati trans-Ewropej** li jridu jiġu żviluppati jew aġġornati mill-Kummissjoni iżda li għandhom komponent nazzjonali ewlieni li jrid jiġi implimentat mill-Istati Membri;
- iii) **Sistemi nazzjonali** li jridu jiġu żviluppati jew aġġornati esklużivament mill-Istati Membri.

Dan ir-rapport jibda bl-ispejgazzjoni tal-metodu għall-ħolqien tar-rapport u s-sorsi użati (it-taqsim 2) u mbagħad ikopri fil-qosor ir-responsabbiltajiet għas-sistemi elettroniċi tal-KDU (it-taqsim 4). Barra minn hekk, fih ħarsa ġenerali globali lejn il-proġetti differenti u l-progress tagħhom (it-taqsim 5) u jenfasizza wkoll ir-riskji kif ukoll il-miżuri ta' mitigazzjoni (it-taqsim 6).

Dan ir-rapport huwa **akkompanjat minn Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni**⁸, ippubblikat flimkien ma' dan ir-rapport, li fih informazzjoni dettaljata dwar l-ippjanar u l-progress tal-proġetti differenti kif irrapportati mill-Istati Membri sal-aħħar ta' Ġunju 2025. Din il-ħidma kienet appoġġata minn kuntratt estern. L-aħħar aġġornamenti mill-Istati Membri kienu prinċipalment koperti fir-rapport.

Ir-rapport u d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal jiffasslu abbażi tal-informazzjoni miġbura mis-sorsi li ġejjin:

(1) il-pjanijiet nazzjonali għall-proġetti li l-Istati Membri huma meħtieġa jipprovdu darbtejn fis-sena (Jannar u Ġunju), u ntalab aġġornament ulterjuri lejn tmiem l-2025.

L-informazzjoni miġbura għal kull proġett tinkludi d-dati speċifiċi, l-istatus, u l-progress għal kull wieħed mill-istadji importanti stabbiliti fil-WP tal-KDU;

(2) sħarriġ iċċirkolat lill-Istati Membri.

L-informazzjoni gābret il-valutazzjoni tar-riskju, id-dewmien, u r-raġunijiet għal kwalunkwe dewmien bħal dan, kif ukoll il-miżuri ta' mitigazzjoni ppjanati u/jew meħuda fir-rigward tal-proġetti. Barra minn hekk, filwaqt li komplew bl-approċċ meħud fl-2023, l-Istati Membri pprovdew ukoll informazzjoni dwar it-tagħlimiet meħuda matul l-iżvilupp tal-proġetti u dwar l-appoġġ addizzjonali possibbli meħtieġ;

(3) laqgħat bilaterali ta' livell għoli mal-Istati Membri.

Matul il-laqgħat bilaterali jinkiseb fehim sħiħ u akkurat tal-istatus ta' kull wieħed mill-proġetti tal-KDU mill-Istati Membri, inklużi l-kwistjonijiet li kienu qed jiffaċċjaw, u jiġu ġġenerati ideat għat-titjib ta' sitwazzjonijiet problematiċi.

(4) outputs mill-programmi trans-Ewropej ta' koordinazzjoni u ta' monitoraġġ.

Dan ir-rapport fih ukoll analiżi bbażata fuq informazzjoni aktar dettaljata pprovduta mill-Maniġers ta' Proġetti fid-Direttorat Ġenerali għat-Tassazzjoni u l-Unjoni Doganali (DG TAXUD) tal-Kummissjoni u rrapportata mill-Istati Membri fil-qafas tal-Programmi ta' Koordinazzjoni stabbilita mill-2020 għas-sistemi trans-Ewropej.

4. IR-RESPONSABBILTAJIET GħALL-IMPLIMENTAZZJONI DIĠITALI TAL-KDU

Skont l-arkitettura miftiehma mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni għal kull waħda mis-sistemi

⁷ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/512 tat-13 ta' Marzu 2025 dwar l-arranġamenti tekniċi għall-iżvilupp, il-manutenzjoni u t-tħaddim ta' sistemi elettroniċi għall-iskambju u l-ħżin tal-informazzjoni skont ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ĠU L 2025/512, 20.3.2025, p. 1–45, https://eur-lex.europa.eu/eli/reg_impl/2025/512/oj/

⁸ Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni li Jakkumpanja r-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill skont l-Artikolu 278(a) tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, dwar il-progress fl-iżvilupp tas-sistemi elettroniċi previsti fil-Kodiċi, SWD(2025) 281 final.

(ċentralizzati, deċentralizzati jew nazzjonali), hemm **kondiviżjoni tar-rwoli** definita fir-rigward tar-**responsabbiltajiet** għall-iżvilupp, il-varar, it-tħaddim u l-manutenzjoni tas-sistemi relatati mal-implimentazzjoni diġitali tal-KDU. Din hija stabbilita fl-IRTA, li jiddeskrivi f'liema komponenti jikkonsistu dawk is-sistemi, u x'inhom n-natura tagħhom – nazzjonali (iżviluppata fil-livell nazzjonali) jew komuni (iżviluppata fil-livell tal-UE). F'termini ta' arkitettura, is-sistemi ċentrali u s-sistemi deċentralizzati huma ta' natura trans-Ewropea u fihom b'mod awtomatiku komponenti komuni, xi drabi flimkien ma' komponenti nazzjonali, filwaqt li s-sistemi nazzjonali jikkonsistu biss minn komponenti nazzjonali.

F'konformità mal-Artikolu 103 tal-IRTA, il-**komponenti komuni** għandhom jiġu żviluppati, ittestjati, varati u ġestiti mill-Kummissjoni u jistgħu jiġu ttestjati mill-Istati Membri. Il-**komponenti nazzjonali** għandhom jiġu żviluppati, ittestjati, varati u ġestiti mill-Istati Membri.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-komponenti nazzjonali jkunu interoperabbli mal-komponenti komuni. Il-Kummissjoni għandha tfassal u żżomm l-ispeċifikazzjonijiet komuni għas-sistemi deċentralizzati f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri. L-Istati Membri għandhom jiżviluppaw, joperaw, u jżommu interfaċċi biex jipprovdu l-funzjonalità għas-sistemi deċentralizzati neċessarji għall-iskambju ta' informazzjoni mal-Operaturi Ekonomiċi u ma' persuni oħrajn permezz ta' komponenti u interfaċċi nazzjonali, flimkien ma' Stati Membri oħrajn permezz ta' komponenti komuni.

5. ĦARSA GLOBALI LEJN IL-PROGRESS BIS-SISTEMI ELETTRONIĊI TAL-KDU

Il-WP tal-KDU fih 17-il proġett li jwasslu għall-varar tas-sistemi elettroniċi meħtieġa inklużi 14-il **proġett trans-Ewropew** li għalihom il-Kummissjoni u l-Istati Membri huma responsabbli (li jirriżultaw f'sistemi ċentrali u deċentralizzati) u tliet **proġetti nazzjonali** li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà unika tal-Istati Membri (li jirriżultaw f'sistemi nazzjonali).

5.1 PROĠETTI LI TLESTEW QABEL L-2025

Il-Kummissjoni wettqet il-proġetti diġitali kollha li kienet responsabbli għalihom. L-Istati Membri komplew jagħmlu progress fis-sistemi u fil-komponenti. Kif definit fir-rapporti preċedenti, dan wassal għall-varar b'suċċess tat-12-il **sistema ġdida jew aġġornament** li ġejjin:

- Is-Sistema tal-Esportaturi Rreġistrati tal-KDU – *REX* (ġdida): Varata fl-2017;
- Id-Deċiżjonijiet Doganali tal-KDU – *CDS* (ġodda): Varati fl-2017;
- L-Aċċess Dirett min-Negożjanti għas-Sistemi tal-Infurmazzjoni Ewropej tal-KDU – *UUM&DS* (Ġestjoni Uniformi tal-Utenti u Firma Diġitali) (ġdida): Varat fl-2017;
- Is-Sistema ta' Reġistrazzjoni u Identifikazzjoni tal-Operaturi Ekonomiċi tal-KDU 2 – *EORI2* (aġġornament): Varata fl-2018;
- Is-Sorveljanza 3 tal-KDU – *SURV3* (aġġornament): Varata fl-2018⁹;
- L-Infurmazzjoni Tariffarja Vinkolanti tal-KDU – *BTI* (aġġornament): Varata fl-2019;
- L-Operaturi Ekonomiċi Awtorizzati tal-KDU – *AEO* (aġġornament): Varati fl-2019;
- L-Iskedi ta' Infurmazzjoni għal Proċeduri Speċjali tal-KDU – *INF* (ġodda): Varati fl-2020;
- Is-Sistema ta' Kontroll tal-Importazzjoni tal-KDU 2 – Verżjoni 1 u 2 – *ICS2 – Verżjoni 1 u 2* (aġġornament): Varati fl-2021 u fl-2023, rispettivament.
- Il-Ġestjoni tal-Garanziji tal-KDU – komponent 1 – GUM C1 varata fl-2024
- Il-Prova ta' Status tal-Unjoni tal-KDU fażi 1 – *PoUS* varata fl-2024

⁹ Madankollu, għad hemm sfidi li jirrigwardaw it-trażmissjoni tad-data mill-Istati Membri.

- Is-Sistema ta' Tranżitu Kompjuterizzata Ġdida tal-KDU fażi 5 – *NCTS P5* varata fl-2024

5.2 IL-PROGRESS TAL-PROĠETTI FL-2025

Dan ir-rapport għandu l-għan li jenfasizza l-kisbiet, il-progress u l-isfidi ffaċċjati fl-implimentazzjoni tal-proġetti li kienu għaddejjin fl-2025 mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri.

5.2.1 Proġetti Trans-Ewropej

Il-proġetti trans-Ewropej isegwu struttura partikolari, li tista' tinvolvi sistema ċentrali jew taħlita ta' komponenti ċentrali u nazzjonali. Kif iddikjarat fl-Artikolu 278(3) tal-KDU, dawn huma meħtieġa li jitlestew sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2025. Deskrizzjoni fil-qosor u l-progress għal kull proġett huma ppreżentati hawn taħt. Għal aktar dettalji, jekk jogħġbok irreferi għat-taqsimiet 3 u 4 tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanja dan ir-rapport.

- 1) **Il-Ġestjoni tal-Garanziji tal-KDU – GUM** (ġdida): għandha l-għan li tiżgura l-ġestjoni effettiva u effiċjenti ta' diversi tipi ta' garanziji fl-UE, b'enfasi fuq it-titjib tal-veloċità tal-ipproċessar, tat-traċċabbiltà u tal-monitoraġġ tal-garanziji bejn l-uffiċċji doganali. Il-ġestjoni tal-garanziji ssir fuq żewġ livelli. Essenzjalment, l-hekk imsejjaħ komponent ċentrali GUM (Komponent 1) jintuża għall-ġestjoni tal-awtorizzazzjonijiet għal garanziji komprensivi (inkluża r-reġistrazzjoni tal-ammont ta' referenza, maqsum skont il-proċedura doganali u għal kull Stat Membru kkonċernat), filwaqt li r-reġistrazzjoni u l-ġestjoni ta' garanziji komprensivi u l-monitoraġġ tal-ammonti ta' referenza relatati jsiru fil-livell nazzjonali f'komponent ta' ġestjoni tal-garanziji konformi mal-KDU (Komponent 2) żviluppat fuq livell nazzjonali, li jinkludi wkoll ir-reġistrazzjoni u l-ġestjoni ta' tipi oħrajn ta' garanziji.

Progress: Il-GUM – Komponent 1 li tiġġestixxi b'mod ċentrali garanziji li jistgħu jintużaw f'diversi Stati Membri, saret operazzjonali fil-11 ta' Marzu 2024 fi ħdan is-Sistema tad-Deċiżjonijiet Doganali. Fid-dawl tal-interkonnessjoni bejn iż-żewġ komponenti, l-attivitajiet tal-ittestjar tal-konformità jibqgħu disponibbli sakemm l-Istati Membri jimplimentaw is-sistemi tal-GUM – Komponent 2 tagħhom.

Fir-rigward tal-komponent nazzjonali, il-GUM – Komponent 2, l-Istati Membri kienu mistennja jistabbilixxu konnessjonijiet operazzjonali mal-komponent ċentrali bejn il-11 ta' Marzu 2024 u t-2 ta' Ġunju 2025. Għaxar Stati Membri żguraw li l-komponent nazzjonali tagħhom jiġi varat fil-ħin.

Sa tmiem l-2025, 21 Stat Membru varaw il-GUM – C2, li jfisser **rata ta' tlestija ta' 78 %**. Is-sitt Stati Membri li fadal (id-Danimarka, Franza, il-Greċja, il-Kroazja, Ċipru u l-Italja) qed jippjanaw li jkunu lesti fil-bidu tal-2026¹⁰.

- 2) **Is-Sistema ta' Kontroll tal-Importazzjoni tal-KDU 2 – ICS2** (aġġornament): għandha l-għan li ssaħħaħ is-Sikurezza u s-Sigurtà tal-katina tal-provvista billi ttejjeb il-kwalità tad-data, l-arkivjar, id-disponibbiltà u l-kondiviżjoni ta' informazzjoni avvanzata dwar il-merkanzija.

Progress: L-ICS2 – Verżjoni 3 testendi l-ambitu mit-trasport bl-ajru għat-traffiku marittimu u fil-passaġġi fuq l-ilma interni, bit-toroq u bil-ferrovija. Filwaqt li l-Verżjonijiet 1 u 2 huma implimentati għalkollox bħala parti mill-proġett tal-ICS2, il-ħidma kompliet għall-Verżjoni 3. L-operaturi ekonomiċi għandhom jużaw l-ICS2 – Verżjoni 3 fi tliet passi: **it-trasportaturi marittimi u tal-passaġġi fuq l-ilma interni sal-4 ta' Diċembru 2024 (pass 1), it-traffiku marittimu u tal-passaġġi fuq l-ilma interni sal-1 ta' April 2025 (pass 2) u t-trasportaturi bit-triq u bil-ferrovija, inklużi l-merkanzija f'kunsinni postali ttrasportata b'dawn il-mezzi ta' trasport, sal-1 ta' Settembru 2025 (pass 3).**

Peress li tikkonċerna sistema ċentrali, l-attivitajiet tal-ittestjar tal-konformità għal din il-verżjoni jitwettqu esklużivament mill-operaturi ekonomiċi. F'nofs l-2025, kien hemm sinjali ta' tħassib

¹⁰ Abbażi tal-aħħar informazzjoni dwar l-Ippjanar tal-Proġetti Nazzjonali, il-Kroazja varat il-komponenti nazzjonali tal-GUM tagħha fl-1 ta' Marzu 2026, oħrajn (l-Italja, Ċipru, id-Danimarka, Franza) se jseguw fil-perjodu sal-1 ta' Lulju 2026, u l-Greċja se tvara f'Diċembru 2026.

minn xi Stati Membri rigward kemm l-operaturi ekonomiċi kienu lesti għall-pass 3 tal-ICS2 – Verżjoni 3.

Il-ħtieġa li l-ICS2 tiġi integrata mas-sistemi tal-fruntieri intelliġenti, l-għadd kbir ta' operaturi ekonomiċi li għandhom diffikultajiet biex jiksibu reġistrazzjoni minn Stat Membru għall-konnessjoni mas-sistemi tal-IT, il-kumplessità tat-tnedija tas-sistema tal-ICS2 u r-riżorsi neċessarji għall-interoperabbiltà mas-sistemi nazzjonali, u l-interfaċċi, kemm għall-Istati Membri kif ukoll għall-operaturi ekonomiċi, kif ukoll in-natura speċifika u kumplessa tal-mekkaniżmi tat-trasport affettwati minn dan it-tnedija, li tinkludi forom multimodali, dehru li affettwaw b'mod sproporzjonat lil xi Stati Membri u operaturi ekonomiċi aktar minn oħrajn. Sabiex jiġu żgurati ċ-ċertezza legali, il-kontinwità tal-operat u t-tranżizzjoni bla xkiel għat-twettiq tar-rekwiżiti tal-ICS2 Verżjoni 3, pass 3, il-Kummissjoni tat deroga mitluba minn ċerti Stati Membri u mir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq skont ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għall-Verżjoni 3 tas-Sistema ta' Kontroll tal-Importazzjoni 2 (l-Irlanda, il-Greċja, Spanja, Franza, l-Italja, il-Litwanja, l-Ungerija, il-Finlandja u r-Renju Unit. u r-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq) sal-31 ta' Diċembru 2025.

Sal-aħħar tal-2025, l-ICS2 tkun qed tintuża fl-Istati Membri kollha sal-iskadenza mogħtija, li jfisser **rata ta' tlestija ta' 100 %**, u dan jimmarka stadju importanti ieħor imwettaq fl-2025.

- 3) **Il-Prova ta' Status tal-Unjoni tal-KDU – PoUS** (ġdida): għandha l-għan li taħżen, tiġġestixxi u tikseb il-provi kollha li juru li n-negozjanti jipprovdu l-istatus tal-Unjoni tal-merkanzija tagħhom. Minħabba d-dipendenzi mal-Manifest Doganali tal-Merkanzija (CGM) tal-KDU u mas-sistema ta' Single Window Marittima Ewropea (EMSWe), il-proġett se jitlesta f'żewġ fażijiet differenti biex jiġu minimizzati r-riskji u l-inkonsistenzi.

Progress: *PoUS – Fażi 1* bdiet topera fl-1 ta' Marzu 2024 kif ippjanat.

Fir-rigward tal-*PoUS – Fażi 2*, l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tlestew mill-Kummissjoni fl-2023 u l-attivitajiet tal-ittestjar tal-konformità ġew konklużi fl-2025. Il-Kummissjoni żgurat li s-sistema ċentrali tkun operazzjonali fil-15 ta' Awwissu 2025, f'konformità mal-iskadenza msemmija fil-WP tal-KDU. Xi Stati Membri ddeċidew li jużaw is-sistema nazzjonali tagħhom u li jqabbduha ma' dik ċentrali (modalità ibrida). Id-dipartimenti doganali tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri żguraw li l-proġett jitlesta fil-ħin sal-iskadenza legali. Id-dipartimenti marittimi tal-Istati Membri suppost kellhom jimplimentaw l-interkonnessjoni bejn il-PoUS u l-ambjent tas-Single Window Marittima Ewropea (EMSWe) biex jippermettu l-faċilitazzjoni lin-negozjanti u jippermettulhom jissottomettu d-data kollha (inkluża d-data tal-manifest doganali) permezz ta' portal marittimu uniku ġdid fil-livell nazzjonali. Għal dan il-għan, iż-żewġ dati tal-varar fil-leġiżlazzjoni tal-UE ġew allinjati.

Madankollu, peress li l-EMSWe damet biex ġiet implimentata, it-trasportaturi marittimi kienu se jiffaċċjaw ostakli kbar kieku kellhom jużaw il-PoUS mingħajr ma jkollhom stabbiliti s-single windows marittimi nazzjonali skont l-EMSWe. Għalhekk, il-Kummissjoni tat deroga skont ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għall-PoUS – Fażi 2 lil ċerti Stati Membri (il-Belġju, il-Bulgarija, Ċipru, il-Ġermanja, id-Danimarka, l-Estonja, l-Irlanda, il-Finlandja, Franza, il-Kroazja, l-Italja, il-Latvja, in-Netherlands, il-Polonja, il-Portugall, l-Iżvezja u s-Slovenja) sal-1 ta' Marzu 2027.

- 4) **L-Iżdoganar Ċentralizzat għall-Importazzjoni tal-KDU – Is-sistema l-ġdida tas-CCI** Trans-Ewropew tiżgura d-diġitalizzazzjoni tal-proċess ċentralizzat tal-iżdoganar fil-livell Ewropew kif definit fil-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (KDU). Din tippermetti lin-negozjanti fdati jissottomettu dikjarazzjoni doganali fl-uffiċċju doganali ta' superviżjoni fl-Istat Membru tal-istabbiliment tagħhom, għall-merkanzija ppreżentata fiżikament lil uffiċċju doganali fi kwalunkwe Stat Membru ieħor, u b'hekk tippermetti l-ipproċessar tad-dikjarazzjoni doganali u r-rilaxx fiżiku tal-merkanzija b'mod diġitali, effiċjenti, prevedibbli u kkoordinat fost l-uffiċċji doganali li jinsabu fi Stati Membri differenti. Is-sistema tas-CCI qed tiġi implimentata f'żewġ fażijiet:


CCI – Fażi 1, tippermetti pproċessar awtomatizzat ta' dikjarazzjoni standard u simplifikata inkluża dikjarazzjoni doganali ppreżentata minn qabel, kif ukoll dikjarazzjoni supplimentari ta'

natura perjodika jew ġenerali għat-tqegħid tal-merkanzija taħt rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera, għall-ħżin doganali, għall-ipproċessar attiv u għall-użu aħħari.

CCI – Fażi 2, tibni fuq il-Fażi 1 billi testendi l-ambitu għax-xenarji tas-CCI kollha li jifdal, inklużi tipi ta' dikjarazzjonijiet u flussi ta' proċessi aktar kumplessi. Din għandha l-għan li tlesti l-integrazzjoni u l-funzjonalità diġitali tal-iżdoganar ċentralizzat għall-importazzjonijiet fl-UE. Iż-żewġ fażijiet huma interrelatati u xi Stati Membri għażlu li jimplimentaw iż-żewġ fażijiet simultanjament biex jissimplifikaw l-isforzi nazzjonali.

Progress: Għas-CCI – Fażi 1, is-sistema daħlet fl-ewwel fażi tal-implimentazzjoni tagħha fl-1 ta' Lulju 2024 bil-komponenti komuni u xi wħud mill-komponenti nazzjonali lesti. Sat-2 ta' Ġunju 2025, is-sistema kienet disponibbli għall-użu min-negozji Ewropej f'għaxar Stati Membri (il-Bulgarija, l-Estonja, Spanja, il-Lussemburgu, il-Litwanja, il-Latvja, il-Polonja, ir-Rumanija, il-Kroazja u l-Italja). Sa Ottubru 2025, żewġ Stati Membri oħra nqasdu mas-sistema tas-CCI (il-Belġju u l-Iżvezja).

Kif muri fl-Illustrazzjoni 2, sa tmiem l-2025, total ta' 17-il Stat Membru (il-Belġju, il-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru, l-Estonja, il-Finlandja, l-Irlanda, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, il-Polonja, ir-Rumanija, is-Slovenja, Spanja u l-Iżvezja) kienu varaw is-sistema CCI P1 tagħhom, li jfisser **rata ta' tlestija ta' 63 %**. L-għaxar Stati Membri li fadal (l-Awstrija, iċ-Ċekja, il-Ġermanja, id-Danimarka, Franza, il-Greċja, l-Ungerija, in-Netherlands, il-Portugall u s-Slovakkja) huma skedati li jvaraw matul l-2026¹¹.




Illustrazzjoni 2: CCI P1 Stati Membri fl-operazzjonijiet (is-sitwazzjoni fil-31 ta' Diċembru 2025)

¹¹ Is-Slovakkja varat fl-14 ta' Frar 2026 u d-Danimarka fid-19 ta' Marzu 2026.

Fir-rigward tas-CCI – *Fażi 2*, il-Kummissjoni ffinalizzat l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi fl-2022. Sabiex tgħin lill-Istati Membri u lin-negożjanti fl-implimentazzjoni tax-xenarji u tal-proċessi kollha tas-CCI, il-Kummissjoni żviluppat pakkett dwar l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi ta' ambitu sħiħ li jikkonsolida l-ispeċifikazzjonijiet għaż-żewġ fażijiet, flimkien ma' gwida. Il-valutazzjoni ta' nofs l-2025 uriet li filwaqt li l-biċċa l-kbira tal-Istati Membri kienu qed jagħmlu progress fl-iżviluppi, għadd sostanzjali ta' Stati Membri ma laħqux l-istadju importanti finali tal-varar fit-2 ta' Ġunju 2025.

Sa tmiem l-2025, kif muri fl-Illustrazzjoni 3, kien hemm livell ġenerali ta' **tlestija** sħiħa tas-CCI ta' **44 %** (12-il Stat Membru). Abbażi tal-NPPs aġġornati, il-maġġoranza tal-Istati Membri li fadal jipprevedu li jlestu l-attivitajiet tagħhom ta' ttestjar tal-konformità fl-ewwel trimestri tal-2026 u jipplanaw li jvaraw l-ambitu sħiħ tas-CCI sussegwentement, bil-Ġermanja, id-Danimarka, is-Slovakkja, il-Greċja u ċ-Ċekja fl-ewwel nofs tal-2026¹² l-Awstrija, Franza, in-Netherlands, il-Portugall u l-Ungerija fit-tieni nofs.

Il-Kummissjoni se tkompli bil-programm ta' monitoraġġ trimestrali tagħha sakemm is-CCI titlesta.



Illustrazzjoni 3: CCI P2 Stati Membri fl-operazzjonijiet (*is-sitwazzjoni fil-31 ta' Diċembru 2025*).

- 5) **Is-Sistema ta' Tranżitu Kompjuterizzata Ġdida tal-KDU – NCTS (aġġornament):** għandha l-għan li tallinja s-sistema ta' tranżitu eżistenti tal-Unjoni u dik komuni mad-dispożizzjonijiet legali tal-KDU, inklużi r-rekwiżiti tad-data tal-KDU u l-interfaċċi ma' sistemi oħrajn.

Progress: Is-sistema tal-NCTS – *Fażi 5* saret operazzjonali fit-2 ta' Diċembru 2024 u l-miżuri tranżizzjonali ġew konklużi fil-21 ta' Jannar 2025. L-Istati Membri kollha bħalissa qed joperaw

¹² Is-Slovakkja varat is-sistema sħiħa tas-CCI (*Fażi 1 u 2*) fl-14 ta' Frar 2026, id-Danimarka fid-19 ta' Marzu 2026 u ċ-Ċekja fit-18 ta' Mejju 2026.

b'suċċess fl-NCTS – Fażi 5. Xi Stati Membri għadhom iridu jiffinalizzaw il-funzjonalitajiet mhux ewlenin.

Is-Sistema ta' Tranżitu Kompjuterizzata Ġdida (NCTS) għadha qed tevolvi bħala parti mill-modernizzazzjoni usa' tal-proċessi doganali madwar l-UE u l-pajjiżi tal-Konvenzjoni dwar it-Tranżitu Komuni (CTC). Filwaqt li l-Istati Membri kollha lestew it-tnedija tal-NCTS Fażi 5 fil-21 ta' Jannar 2025 u b'kolloxx 41 pajjiż japplikaw tranżitu tal-Unjoni/komuni u l-NCTS, l-attenzjoni issa għaddiet għall-fażi li jmiss tal-NCTS.

Għall-NCTS – il-Fażi 6 toffri żewġ għażliet, u hija f'idejn l-Istati Membri li jiddeċiedu liema għażla jimplimentaw:

- Għażla ta' opt-out tfisser meta d-dettalji tal-ENS ma jkunux inklużi fid-dikjarazzjoni ta' tranżitu, u l-ENS tiġi ppreżentata direttament fl-ICS2;
- Għażla ta' opt-in tfisser meta d-dettalji tal-ENS jiġu inklużi fid-dikjarazzjoni ta' tranżitu u l-NCTS – Fażi 6 tkun konnessa mal-ICS2 biex jiġi żgurat li r-rekwiżiti tal-ICS2 rigward il-proċessi tan-negozju tal-ENS (analiżi tar-riskju, rakkomandazzjonijiet ta' kontroll, deċiżjonijiet eċċ.) jiġu ssodisfati wkoll.

L-iskeda ta' żmien tal-NCTS – Fażi 6 kienet sinkronizzata ma' dik tal-ICS2¹³. Fl-ewwel nofs tal-2025, l-Istati Membri indikaw li kienu qed jagħmlu progress tajjeb, għalkemm diversi minnhom rrapportaw livell ta' riskju medju sa għoli għall-varar f'waqt sal-1 ta' Settembru 2025.

Peress li l-Istati Membri ma rnexxilhomx jindirizzaw kif xieraq ir-riskju ta' dewmien matul l-2025, dan irriżulta f'sitwazzjoni fejn l-NCTS – Fażi 6 ma kinitx lesta sal-1 ta' Settembru 2025. Għall-Istati Membri li jagħmlu użu mill-għażla opt-out, il-bidliet tranżizzjonali minimi ġew indirizzati fil-livell tekniku. Għall-għażla opt-in, id-dewmien kien qed ikollu impatt fuq Stati Membri oħrajn u fuq l-operaturi ekonomiċi peress li ma jkunux jistgħu jibbenefikaw minn preżentazzjoni simplifikata ta' data dwar it-tranżitu, is-sikurezza u s-sigurtà. Sabiex jiġi evitat piż żejjed fuq l-operaturi ekonomiċi (inklużi dawk ta' pajjiżi ġirien bħall-Ukrajna u t-Turkija), il-Kummissjoni tat deroga lil sitt Stati Membri skont ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għall-użu tal-Fażi 6 tas-Sistema ta' Tranżitu Kompjuterizzata Ġdida sal-1 ta' Ġunju 2026. Dawn id-derogi jipprevedu li l-operaturi ferrovjarji u tat-toroq jistgħu jaqbd u mal-ICS2 sal-aħħar tal-2025, u li l-konnessjoni mas-sistema ta' tranżitu (NCTS Fażi 6) li tinteraġixxi mal-ICS2 tista' sseħħ sal-31 ta' Mejju 2026. Din l-estensjoni addizzjonali taż-żmien kienet ġustifikata, minħabba l-iżvilupp u l-ittestjar aktar kumplessi meħtieġa għal din l-interkonnessjoni. Id-deroga tinvolvi rekwiżiti legali għall-Istati Membri biex jirrapportaw il-progress lill-Kummissjoni.

Sal-aħħar tal-2025, sitt Stati Membri rċevew deroga formali (il-Bulgarija, il-Kroazja, il-Latvja, il-Polonja, ir-Rumanija u s-Slovakkja) u total ta' 16-il Stat Membru (l-Awstrija, il-Bulgarija, Ċipru, iċ-Ċekja, il-Ġermanja, l-Estonja, Spanja, il-Finlandja, l-Irlanda, l-Italja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, il-Latvja, Malta, il-Portugall u s-Slovenja) varaw l-NCTS – Fażi 6. Meta jitqiesu d-derogi mogħtija, dan ifisser rata ta' konformità ta' 74 %. Id-Danimarka, Franza, l-Ungerija u l-Iżvezja qed jiskedaw il-varar tas-sistema tagħhom qabel l-1 ta' Marzu 2026. Is-seba' Stati Membri li fadal (il-Belġju, il-Greċja, il-Kroazja, in-Netherlands, il-Polonja, ir-Rumanija u s-Slovakkja) għandhom l-intenzjoni li jvaraw is-sistema tagħhom sa mhux aktar tard mill-1 ta' Ġunju 2026, f'konformità mal-estensjoni tad-deroga.

- 6) **Is-Sistema Awtomatizzata tal-Esportazzjoni tal-KDU – AES (aġġornament):** għandha l-għan li timplimenta r-rekwiżiti tal-KDU għall-esportazzjoni u l-ħruġ tal-merkanzija, kif ukoll is-Simplifikazzjonijiet tal-KDU offruti għall-kummerċ.

Progress: Skont il-WP tal-KDU tal-2023, l-Istati Membri jistgħu jvaraw l-AES fi tliet passi: il-funzjonalitajiet ewlenin sal-1 ta' Diċembru 2023, l-interfaċċar mas-Sisa sat-13 ta' Frar 2024, u l-


¹³ Kif imsemmi fil-WP tal-KDU tal-2023, il-perjodu ta' tranżizzjoni mill-NCTS – Fażi 5 sal-NCTS – Fażi 6 jeħtieġ li jseħħ bejn l-1 ta' Marzu 2025 u l-1 ta' Settembru 2025, matul l-istess perjodu li l-ICS2 – Verżjoni 2 se tgħaddi għall-ICS2 – Verżjoni 3, biex iż-żewġ sistemi jkunu jistgħu jiġu sinkronizzati.

funzjonalitajiet mhux ewlenin sat-2 ta' Diċembru 2024. Il-perjodu ta' tranżizzjoni għall-operaturi ekonomiċi ġie estiż sal-14 ta' Diċembru 2025. Madankollu, kif iddikjarat fir-rapport preċedenti, l-iżvilupp sħiħ tal-komponenti nazzjonali mill-Istati Membri ma kienx fattibbli, peress li xi Stati Membri la setgħu jilħqu l-iskadenza tat-2 ta' Diċembru 2024 u lanqas it-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni tal-11 ta' Frar 2025 u talbu estensjoni tal-miżuri tranżizzjonali. F'dan il-kuntest, l-emenda legali tar-Regolament ta' Implimentazzjoni dwar l-Arranġamenti Tekniċi (IRTA), li ttieħed vot dwarha fis-7 ta' Frar 2025 fil-Kumitat tal-Kodiċi Doganali u adottata fit-13 ta' Marzu 2025, inkludiet l-estensjoni tal-perjodu ta' tranżizzjoni sal-14 ta' Diċembru 2025.

Kif muri fl-Illustrazzjoni 4, 12-il Stat Membru bdew l-operazzjonijiet b'funzjonalitajiet ewlenin fl-1 ta' Diċembru 2023 u matul l-2024 u l-2025 ingħaqdu Stati Membri oħrajn. Madankollu, is-sitwazzjoni reġgħet saret kritika fit-tieni nofs tal-2025 minħabba l-varar tard ta' xi Stati Membri (l-Ungerija, il-Portugall, Malta, Franza, u l-Greċja) li rriżulta f'perjodu ta' żmien medju sa qasir ħafna għall-operaturi ekonomiċi biex jaqilbu għall-AES il-ġdida. F'xi pajjiżi, bħal Franza, dan kien jinvolvi riskju kbir ta' kjuwiziet twal ta' trakkijiet fil-punti ta' ħruġ tal-UE. Permezz ta' monitoraġġ u appoġġ imsaħħa pprovduti mill-Kummissjoni u l-involviment tal-Istati Membri u tal-operaturi ekonomiċi, **l-AES bdiet topera madwar l-UE fil-15 ta' Diċembru 2025**. Din il-kisba ta' **rata ta' tlestija ta' 100 %** tal-varar tal-AES bil-funzjonalitajiet ewlenin tagħha kienet stadju importanti ewleni li kkontribwixxa għall-implimentazzjoni diġitali tal-KDU.

Xi Stati Membri qed jiffaċċjaw dewmien ulterjuri fil-varar tal-funzjonalitajiet mhux ewlenin.

Fir-rigward tal-AES – Komponent 2, il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri varaw il-komponent fl-2025.



Illustrazzjoni 4: AES Id-dħul tal-Istati Membri fl-operazzjonijiet

Sabiex niġbru fil-qosor l-istatus tal-proġetti trans-Ewropej elenkati hawn fuq, il-Kummissjoni baqgħet fit-triq it-tajba biex tilħaq l-iskadenzi legali miftiehma fil-kuntest tal-KDU u tal-WP tal-KDU. Fir-rigward tal-varar mill-Istati Membri tal-komponenti nazzjonali ta' dawn is-sistemi trans-Ewropej, ġew identifikati riskji serji għal dewmien matul l-2025, b'mod partikolari għas-CCI, l-NCTS – Fażi 6, l-ICS2 Pass 3 ferrovija u toroq, il-PoUS u l-AES (ara t-taqsima 5.3). Sal-aħħar tal-2025, ġiet varata s-sistema relatata mal-proġett tal-PoUS – Fażi 2, l-AES bdiet topera bil-funzjonalitajiet ewlenin fl-Istati Membri

kollha u l-ICS2 kienet operazzjonali għall-modi kollha tat-trasport. Wara l-2025, hemm sitwazzjoni ta' nuqqas ta' konformità għall-varar pendenti ta' funzjonalitajiet mhux ewlenin tas-CCI u tal-AES f'ċerti Stati Membri.

5.2.2 Proġetti nazzjonali

L-Istati Membri kellhom ilestu l-aġġornament tas-sistemi tagħhom għat-tliet **proġetti kompletament nazzjonali**¹⁴ sal-31 ta' Diċembru 2022, f'konformità mal-Artikolu 278(2) tal-KDU. Madankollu, 22 Stat Membru ma setgħux jilhqqu din l-iskadenza u wara t-talba tagħhom, ingħataw deroga, li estendiet l-iskadenza tal-varar sal-31 ta' Diċembru 2023¹⁵.

Ir-rapport tas-sena li għaddiet irrifletta xi dewmien ulterjuri prinċipalment għas-Sistema Nazzjonali tal-Importazzjoni u għas-sistema għall-**Ħażna Temporanja**. Il-progress għal kull proġett nazzjonali fl-2025 huwa ppreżentat hawn taħt u muri fl-Illustrazzjoni 5. Għal aktar dettalji, irreferi għat-taqsima 3 tad-Dokument ta' **Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni** li jakkumpanja dan ir-rapport.

- 1) **In-Notifika tal-Wasla, in-Notifika tal-Preżentazzjoni u l-Ħażna Temporanja tal-KDU (AN, PN u TS)** (aġġornament): għandha l-għan li tawtomatizza l-proċessi ta' dħul nazzjonali u tarmonizza l-iskambju tad-data bejn il-kummerċ u d-dwana fl-Istati Membri.

Progress: It-twertiq f'waqtu tas-sistemi nazzjonali ġie identifikat li qiegħed f'riskju f'rapporti preċedenti, iżda sar progress sostanzjali matul l-2025. Matul l-2025, xi Stati Membri kienu għadhom qed jiffaċċjaw dewmien fil-varar tas-sistema għall-**Ħażna Temporanja** u/jew fit-tranżizzjoni tal-operaturi ekonomiċi tagħhom. Peress li dawn il-każijiet qabżu sew l-iskadenza legali, il-Kummissjoni nediet proċedura ta' ksur għan-nuqqas ta' konformità sħiħa mal-obbligu legali li tiġi varata l-**Ħażna Temporanja** – Trasport bl-Ajru kontra tmien Stati Membri (l-Awstrija, il-Belġju, Ċipru, id-Danimarka, il-Greċja, il-Portugall, ir-Rumanija u s-Slovakkja).

Fl-aħħar tal-2025, il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri li kienu tard irnexxielhom ivaraw is-sistema tagħhom. Dan jista' jitqassar bħala **rata ta' tlestija ta' 98 %**¹⁶. Kif muri fl-Illustrazzjoni 5, għan-Notifika tal-Wasla u għan-Notifika tal-Preżentazzjoni, l-Istati Membri kollha lestew l-implimentazzjoni. Għall-**Ħażna Temporanja**, tliet Stati Membri kienu qed jiffaċċjaw dewmien ulterjuri u indikaw data tal-varar wara l-2025. Fil-każ tal-Awstrija, hija prevista implimentazzjoni sħiħa sa April 2026¹⁷, filwaqt li l-Greċja u s-Slovakkja qed jippjanaw l-implimentazzjoni fl-2027. Peress li l-Kummissjoni ma tista' taċċetta l-ebda dewmien, il-proċedimenti ta' ksur għadhom għaddejjin.

¹⁴ Din l-iskeda ta' żmien teskludi l-Komponent tal-Esportazzjoni tas-sistema tal-Proċeduri Speċjali nazzjonali, li għaliha l-attività u l-ippjanar huma interkonnessi mal-AES.

¹⁵ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/235 tal-1 ta' Frar 2023 li tagħti deroga mitluba minn ċerti Stati Membri skont ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill biex jintużaw mezzi oħrajn għajr it-tekniki tal-ipproċessar elettroniku tad-data għall-iskambju u l-**Ħażna** tal-informazzjoni għan-notifika tal-wasla ta' bastiment tal-baħar jew ta' inġenju tal-ajru (ĠU L 32, 3.2.2023, p. 220–222).

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/234 tal-1 ta' Frar 2023 li tagħti deroga mitluba minn ċerti Stati Membri skont ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill biex jintużaw mezzi oħrajn għajr it-tekniki tal-ipproċessar elettroniku tad-data għall-iskambju u l-**Ħażna** tal-informazzjoni għan-Notifika tal-Preżentazzjoni b'rabta ma' merkanzija miġjuba fit-territorju doganali tal-Unjoni (ĠU L 32, 3.2.2023, p. 217–219).

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/236 tal-1 ta' Frar 2023 li tagħti deroga mitluba minn ċerti Stati Membri skont ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill biex jintużaw mezzi oħrajn għajr it-tekniki tal-ipproċessar elettroniku tad-data għall-iskambju u l-**Ħażna** tal-informazzjoni għad-dikjarazzjoni għall-**Ħażna Temporanja** b'rabta mal-merkanzija mhux tal-Unjoni preżentata lid-dwana (ĠU L 32, 3.2.2023, p. 223–225).

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/237 tal-1 ta' Frar 2023 li tagħti deroga mitluba minn ċerti Stati Membri biex jintużaw mezzi għajr tekniki tal-ipproċessar elettroniku tad-data għall-iskambju u l-**Ħażna** ta' informazzjoni b'rabta mad-dikjarazzjoni doganali għal merkanzija miġjuba fit-territorju doganali tal-Unjoni stabbilita fl-Artikoli 158, 162, 163, 166, 167, 170 u 174, 201, 240, 250, 254 u 256 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 32, 3.2.2023, p. 226–228).

¹⁶ Għall-implimentazzjoni tal-**Ħażna Temporanja** relatata mat-trasport marittimu, ir-rata ta' tlestija hija ta' 96 % u għal modi oħrajn għajr l-ajru jew il-marittimu, ir-rata ta' tlestija hija ta' 89 %.

¹⁷ L-Awstrija varat is-sistema fil-15 ta' April 2026.

- 2) **Is-Sistemi Nazzjonali tal-Importazzjoni tal-KDU – NIS** (aġġornament): għandhom l-għan li jimplimentaw ir-rekwiżiti kollha tal-proċess u tad-data li huma relatati mal-importazzjonijiet tal-merkanzija kif deskritt fil-KDU.

Progress: Diversi Stati Membri rrapportaw riskji li ma jlestux il-proġett f'waqtu sa mill-2022, l-iskadenza inizjali għall-varar tal-NIS mill-Istati Membri. Fl-ewwel nofs tal-2025, xi Stati Membri kienu għadhom qed jiffaċċjaw dewmien fil-varar tal-NIS u/jew fit-tranżizzjoni tal-operaturi ekonomiċi tagħhom. Għalhekk, il-Kummissjoni bdiet proċedura ta' ksur fl-ewwel nofs tal-2025 għan-nuqqas ta' konformità sħiħa mal-obbligu legali li tiġi varata l-NIS kontra tmien Stati Membri (l-Awstrija, iċ-Ċekja, Ċipru, id-Danimarka, il-Greċja, Franza, il-Portugall u r-Rumanija). Matul l-2025, il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri (l-Awstrija, Ċipru, id-Danimarka, Malta, il-Polonja u s-Slovakkja) ħadu azzjoni biex jindirizzaw id-dewmien u lestew il-proġett fl-2025.

Sal-aħħar tal-2025, l-Istati Membri kollha minbarra wieħed varaw is-sistema, jiġifieri **rata ta' tlestija ta' 96 %**. Fil-każ taċ-Ċekja, huwa previst varar sħiħ fit-tieni trimestru tal-2026. Fi ftit Stati Membri, ċerti aġġornamenti għadhom pendenti biex ikun hemm implimentazzjoni konformi bis-sħiħ mal-KDU u mal-EUCDM.

- 3) **Il-Proċeduri Speċjali tal-KDU – SP** (aġġornament): għandhom l-għan li jarmonizzaw il-Proċeduri Speċjali (jiġifieri, il-ħżin doganali, l-użu aħħari, id-dħul temporanju u l-ipproċessar attiv/passiv).

Progress: Kif muri fl-Illustrazzjoni 5, il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri kienu mistennija li jkollhom *SP IMP – Komponent 2*, li jfisser **rata ta' tlestija ta' 96 %** bl-Awstrija u biċ-Ċekja, li huma l-aħħar Stati Membri li se jvaraw is-sistema tagħhom fit-tieni jew fit-tielet trimestru tal-2026¹⁸. Fir-rigward tal-*SP EXP – Komponent 1*, il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri varaw is-sistema sat-2 ta' Diċembru 2024 minkejja l-interdipendenzi mas-sistema tal-AES. L-Istati Membri li fadal (l-Awstrija, Franza, il-Greċja, l-Ungerija, Malta u l-Portugall) varaw is-sistema sal-aħħar tal-2025, jiġifieri **rata ta' tlestija ta' 100 %**, filwaqt li għal xi Stati Membri t-tranżizzjoni tal-operaturi ekonomiċi kienet għadha għaddejja.

Fil-qosor, saru sforzi sinifikanti mill-Istati Membri fl-2025, u s-sistemi nazzjonali issa huma operazzjonali, filwaqt li għadd limitat biss ta' każijiet ta' dewmien kritiku jippersistu wara l-2025 u dan iwassal għal ftit Stati Membri f'sitwazzjoni ta' nuqqas ta' konformità.

	AN	PN	TS	NIS	SP IMP
Skadenza tal-WP tal-KDU	31/12/2022 b'estensjoni għall-31/12/2023 ^[1]			31/12/2022 b'estensjoni għall-31/12/2023 ^[2]	
AT	01/07/2023	16/05/2023	15/04/2026	14/12/2025	01/09/2026
BE	30/06/2023	05/07/2023	29/11/2023	28/08/2024*	28/08/2024
BG	01/03/2023	10/11/2023	10/11/2023	10/11/2023	10/11/2023
CY	30/10/2024	30/10/2024	30/10/2024	19/05/2025	19/05/2025
CZ	05/12/2023	05/12/2023	05/12/2023	18/05/2026	18/05/2026
DE	N/A	06/03/2021	06/03/2021	06/03/2021	06/03/2021
DK	06/11/2023	06/11/2023	07/06/2025	07/06/2025*	07/06/2025
EE	01/10/2023	15/03/2021	01/07/2021	01/07/2021	01/07/2021
ES	01/03/2023	01/01/2024	01/01/2024	05/09/2023	05/09/2023
FI	31/03/2023	31/03/2021	31/12/2022	31/12/2022	31/12/2022
FR	30/06/2023	06/03/2024	06/03/2024	30/11/2024*	30/11/2024
GR	31/12/2023	31/12/2023	31/12/2027	06/08/2024*	06/08/2024
HR	01/07/2023	01/03/2023	17/04/2023	01/01/2023	01/01/2023

¹⁸ Iċ-Ċekja varat l-NIS, inkluża l-SP IMP, fit-18 ta' Mejju 2026.

HU	02/04/2024	02/04/2024	02/04/2024	01/11/2023	01/11/2023
IE	01/07/2023	23/11/2020	23/11/2020	05/10/2021	23/11/2020
IT	13/12/2022	13/12/2022	13/12/2022	01/07/2021	01/7/2021
LT	01/03/2023	28/02/2023	31/10/2023	31/12//2023	31/12/2023
LU	01/03/2023	10/01/2023	10/01/2023	02/05/2023	02/05/2023
LV	24/09/2017	24/09/2017	24/09/2017	04/06/2018	04/06/2018
MT	24/03/2025	24/03/2025	24/03/2025	24/03/2025	24/03/2025
NL	30/06/2023	01/12/2023	01/12/2023	01/04/2022	01/04/2022
PL	01/07/2023	20/04/2025	20/04/2025*	20/04/2025*	01/7/2021
PT	30/09/2025	30/09/2025	30/09/2025	01/10/2025	30/09/2025
RO	01/05/2024	30/09/2024	30/08/2025	30/08/2025	30/08/2025
SE	01/03/2023	27/09/2023	02/12/2025	15/03/2022	23/02/2023
SI	01/03/2023	01/03/2023	01/03/2024	01/01/2022	01/01/2022
SK	01/03/2023	01/10/2023	31/03/2027*	30/09/2025*	11/06/2016
Rata ta' tlestija sal-2025	100 %	100 %	89 %	96 %	93 %

Didaskalija	
	Varar komplut sal-31 ta' Diċembru 2025
	Sistema mhux varata sal-31 ta' Diċembru 2025
	L-ebda data pprovduta fil-Pjanijiet Nazzjonali għall-Proġetti jew varar mhux applikabbli

Illustrazzjoni 5: Ippjanar tal-varar tas-sistemi nazzjonali ta' dħul/importazzjoni

(1) Sal-31 ta' Diċembru 2023 għall-Istati Membri li ngħataw deroga.

(2) Sal-31 ta' Diċembru 2023 għall-Istati Membri li ngħataw deroga jew sal-1 ta' Lulju 2024, fejn japplika l-Artikolu 2(4a) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/2446.

* Is-sistema nazzjonali għet aġġornata fil-ħin iżda tirrikjedi allinjament ulterjuri mal-KDU u mal-Mudell tad-Data Doganali tal-UE u/jew it-tranżizzjoni tal-operaturi ekonomiċi għadha għaddejja.

5.2.3 Data ta' Sorveljanza

Fir-rapport ta' din is-sena, nixtiequ nenfasizzaw l-isfidi li fadal fir-rigward tat-trażmissjoni tad-data meħtieġa lis-sistema ta' Sorveljanza 3 (SURV3). Is-Sistema ta' Sorveljanza tal-Kummissjoni għandha rwol kruċjali fil-klima ġeoekonomika u ġeopolitika attwali. L-għan primarju tagħha huwa li toħloq qafas ta' sorveljanza komprensiv li jimmonitorja l-flussi kummerċjali, jipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, u jipproteġi s-suq intern tagħha minn Prattiki Inġusti jew Irregolari. Din is-sistema tipprovdi l-pedament analitiku għall-identifikazzjoni ta' anomaliji kummerċjali, għall-prevenzjoni tal-frodi, u għall-iżgurar ta' kompetizzjoni ġusta għall-industriji tal-UE. Fir-rigward tas-sistema ta' Sorveljanza 3, li sservi bħala s-sinsla teknika tal-arkitettura ta' monitoraġġ tad-data doganali tal-UE peress li tiġbor u tipproċessa d-data kummerċjali mid-dikjarazzjonijiet doganali sottomessi lill-amministrazzjonijiet doganali tal-Istati Membri, il-kwalità u d-disponibbiltà tad-data rrapportata permezz tal-NIS huma vitali.

Għadd sostanzjali ta' Stati Membri komplew jissottomettu l-biċċa l-kbira tad-data dwar l-importazzjoni tagħhom bl-użu ta' sistemi qodma. Dan l-għadd jonqos għal żewġ Stati Membri (l-Awstrija u Franza) meta titqies id-data dwar l-esportazzjoni.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, fl-2025 il-Kummissjoni nediet proċeduri ta' ksur kontra 13-il Stat Membru (l-Awstrija, il-Belġju, Ċipru, iċ-Ċekja, id-Danimarka, Franza, l-Irlanda, l-Italja, Malta, il-

Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja u s-Slovakkja) minħabba nuqqas ta' konformità sħiħa mal-obbligi tat-trażmissjoni tad-data ta' SURV3, b'mod partikolari fir-rigward tal-kompletezza tad-data u l-konformità tal-format.

Filwaqt li ħames Stati Membri (il-Belġju, l-Italja, Malta, ir-Rumanija u s-Slovenja) irnexxielhom jieħdu azzjoni xierqa matul l-2025, total ta' tmien Stati Membri (l-Awstrija, Ċipru, iċ-Ċekja, id-Danimarka, Franza, l-Irlanda, il-Portugall u s-Slovakkja) kienu għadhom ma ssottomettewx is-sett sħiħ ta' data dwar l-importazzjoni lil SURV3 sa tmiem l-2025¹⁹. Fil-qosor, dan jista' jitqies bħala **rata ta' tlestija ta' 70 %**.

5.2.4. Is-sitwazzjoni attwali għall-pajjiżi tat-tkabbir

Il-pajjiżi tat-Tkabbir tal-UE u pajjiżi oħrajn bħall-partijiet kontraenti għall-Konvenzjoni dwar Proċedura Komuni ta' Tranżitu (CTC) se jkollhom iqisu t-tranżizzjoni lejn is-sistemi elettroniċi aġġornati tal-KDU u l-approċċi diġitali l-ġodda stabbiliti mill-proposta għar-Riforma Doganali.

Il-Kummissjoni ma timmonitorjax b'mod sistematiku l-progress lejn sistemi elettroniċi sħaħ ta' dawn il-pajjiżi bħala parti mill-obbligu ta' rapportar skont l-Artikolu 278a tal-KDU. Madankollu, bħala parti mill-istrateġija tat-tkabbir li tinkludi l-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni mal-UE, l-iżvilupp ta' strateġija diġitali u tal-ambjent diġitali li jappoġġaw l-allinjament tagħhom mal-leġiżlazzjoni doganali tal-UE huwa element ewlieni fil-valutazzjonijiet regolari mwettqa mill-UE.

Il-pajjiżi kandidati se jkollhom bżonn jingħaqdu b'mod progressiv mas-sistemi tal-KDU jew jistabbilixxu dawn is-sistemi fit-triq tagħhom lejn is-sħubija fit-territorju doganali tal-UE. Skont id-data ppjanata tal-adeżjoni, dawn jistgħu jkunu meħtieġa wkoll li jissodisfaw il-funzjonalitajiet tal-Pjattaforma futura tad-Data Doganali tal-UE proposta fil-pakkett tar-Riforma Doganali.

Fil-futur, bi ttejjija għat-Tkabbir li jinvolvi l-pajjiżi kandidati, se jkun meħtieġ li jseħħu diversi attivitajiet ewlenin b'mod regolari. Dawn jinkludu r-rapportar dwar l-implimentazzjoni diġitali u l-parteċipazzjoni fl-ittestjar tal-konformità biex tiġi żgurata l-interoperabbiltà bejn is-sistemi nazzjonali tagħhom u dawk tal-Istati Membri u tal-UE. Barra minn hekk, l-UE se jkollha bżonn tivvaluta l-prestazzjoni tas-sistemi b'mod regolari.

¹⁹ Franza, id-Danimarka u s-Slovakkja ssottomettew id-data ta' SURV3 sa tmiem l-ewwel trimestru tal-2026 u l-Awstrija, l-Irlanda, il-Portugall u iċ-Ċekja ppjanaw li jikkonformaw sat-tieni trimestru tal-2026.

5.3 RISKJI U MIŻURI TA' MITIGAZZZJONI

Il-kondiviżjoni tar-rwoli ġiet iddefinita u miftiehma mal-partijiet ikkonċernati kollha mill-bidu nett u għandha tiġi rrispettata matul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-proġett. Billi l-Kummissjoni rnexxielha tikseb rata ta' tlestija ta' 100 % għall-varar tas-sistemi u tal-komponenti ċentrali taħt ir-responsabbiltà tagħha, u l-Istati Membri laħqu wkoll grad importanti ħafna ta' implimentazzjoni sal-iskadenza ġenerali tal-2025 għat-tranżizzjoni diġitali, **ir-riskji u l-miżuri ta' mitigazzjoni jibqgħu rilevanti biss għal parti żgħira mill-implimentazzjoni diġitali ġenerali.**

Kif spjegat ukoll fir-rapporti preċedenti, ir-raġunijiet sottostanti **rrapportati mill-Istati Membri għad-dewmien huma multidimensjonali u fil-biċċa l-kbira rikorrenti.** Dawn jinkludu nuqqas ta' riżorsi finanzjarji u umani, prijoritajiet nazzjonali tal-IT f'kompetizzjoni ma' xulxin u interdipendenzi ma' proġetti oħrajn. Barra minn hekk, l-Istati Membri enfasizzaw l-inkapaċità ta' xi infrastrutturi nazzjonali tal-IT li jlaħħqu mar-rekwiżiti tekniċi, il-kwistjonijiet ta' kapaċità tal-kuntratturi u d-dipendenzi ma' partijiet ikkonċernati esterni. Fatturi oħrajn li jikkontribwixxu jinkludu l-ittestjar estiż tal-konformità, il-livelli ta' prontezza tal-operaturi ekonomiċi, il-proċeduri fit-tul tal-akkwist pubbliku, l-isfidi tal-governanza, u l-kumplessità tal-integrazzjoni ta' sistemi ġodda fix-xenarji eżistenti tal-IT.

L-Istati Membri ddeskrivew fl-istħarriġ ukoll id-diversi azzjonijiet ta' mitigazzjoni identifikati u stabbiliti biex jindirizzaw id-dewmien li ltaqgħu miegħu. Dawn l-azzjonijiet jinkludu l-ottimizzazzjoni tal-allokazzjoni tar-riżorsi, l-adozzjoni ta' metodoloġiji aġli, l-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet ta' sistemi integrati u t-tisħiħ tal-koordinazzjoni mal-kuntratturi biex titjieb l-effiċjenza u tissaħħaħ il-kollaborazzjoni. Stati Membri oħrajn waqqfu azzjonijiet biex itejbu l-istrutturi organizzazzjonali, jissimplifikaw il-proċessi, u jirfinaw l-ippjanar biex itejbu l-ġestjoni tal-proġetti u t-teħid tad-deċiżjonijiet. Dawn il-miżuri ssemew kemm għall-proġetti nazzjonali kif ukoll għal dawk trans-Ewropej.

Fir-rigward tal-proġetti nazzjonali, intlaħqet rata ġenerali ta' tlestija ta' 96 % fi tmiem l-2025 għall-varar nazzjonali tas-sistemi nazzjonali ta' dħul u importazzjoni. Minbarra l-ftit Stati Membri li qegħdin tard, xi Stati Membri oħrajn għadhom qed jipprovdu s-sistema l-antika u l-ġdida lill-operaturi ekonomiċi tagħhom u/jew għadhom qed iħejju għal xi aġġornamenti żgħar tas-sistemi nazzjonali tagħhom biex ikunu konformi 100 % mal-KDU u mas-CDM tal-UE. It-tlestija sħiħa hija vitali fid-dawl tal-impatt fuq is-sistemi trans-Ewropej bħas-CCI, u fuq is-sottomissjoni tad-data lis-sistema ta' Sorveljanza. Sabiex is-Sistema ta' Sorveljanza taħdem kif suppost, huwa essenzjali li l-Istati Membri kollha jgħaddu għall-formati l-ġodda tad-data mill-aktar fis possibbli. Dan isaħħaħ id-disponibbiltà tad-data, itejjeb il-kwalità tad-data, u jsaħħaħ il-kapaċità tas-sistema li timmonitorja l-flussi kummerċjali u tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-UE.

Il-Kummissjoni nediet miżuri ta' infurzar legali fl-2025 għall-Istati Membri li qed jiffaċċjaw dewmien fil-varar tas-sistemi nazzjonali tagħhom ta' dħul/importazzjoni u/jew fis-sottomissjoni tad-data meħtieġa lis-Sorveljanza u se tieħu aktar azzjonijiet legali fl-2026 flimkien mal-azzjonijiet kontinwi ta' appoġġ u monitoraġġ.

Fir-rigward tas-sistemi deċentralizzati trans-Ewropej b'komponenti nazzjonali, is-sitwazzjoni hija pożittiva ħafna għal xi proġetti iżda kritika għal xi oħrajn, kif deskritt hawn taħt.

Ir-riskji rrapportati fir-Rapport tal-2024 ġew indirizzati sew mill-Istati Membri fir-rigward tal-varar tal-NCTS – **Fażi 5**, li wassal għal għeluq b'suċċess tal-perjodu ta' tranżizzjoni fil-21 ta' Jannar 2025. Anke għall-**Verżjoni 3 tal-ICS2**, fil-31 ta' Diċembru 2025 intemmet b'suċċess it-tranżizzjoni tal-operaturi ekonomiċi fit-trasport bit-triq u bil-ferrovija. Dan huwa bis-saħħa tal-isforzi tal-Istati Membri u tal-operaturi ekonomiċi, filwaqt li l-Kummissjoni kompliet ukoll tipprovdi appoġġ lill-Istati Membri u lill-operaturi ekonomiċi fl-attivitajiet ta' żvilupp tagħhom għall-ICS2 – **Verżjoni 3** b'diversi mezzi. Dan kien jinkludi l-organizzazzjoni ta' webinar dedikati, l-offerta ta' assistenza permezz ta' FAQs, il-monitoraġġ u l-koordinazzjoni ta' laqgħat plenarji biex jiġi żgurat l-allinjament tal-pjanijiet tal-proġetti mal-istadji importanti ta' twettiq tal-IT tal-Kummissjoni. Fl-aħħar nett, kampanji ta' komunikazzjoni, sessjonijiet ta' taħriġ online u dokumentazzjoni saru aċċessibbli fil-librerija pubblika CIRCABC u s-sit web Europa.


Fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-AES, ir-rapport preċedenti ddikjara li xi Stati Membri ppjanaw id-data effettiva tal-operazzjonijiet matul l-2025, wara l-iskadenzi inizjali fil-WP tal-KDU²⁰. Fuq talba tagħhom u biex jiġi evitat tfixkil fil-flussi kummerċjali, il-Kummissjoni estendiet il-perjodu li jippermetti l-kontinwazzjoni tal-miżuri tranżizzjonali għall-esportazzjoni u għall-ħruġ sal-14 ta' Diċembru 2025. Il-Kummissjoni kompliet ukoll bil-“Programm ta' Koordinazzjoni tal-Amministrazzjonijiet Nazzjonali” biex tappoġġa lill-Istati Membri fl-iżvilupp u fil-varar tal-komponenti nazzjonali tagħhom. L-attivitajiet jinkludu helpdesk dedikat, laqgħat virtwali biex jittaffa d-dewmien fl-iżvilupp tal-Istati Membri, it-tixrid ta' informazzjoni aġġornata lill-komunità kummerċjali u r-rapportar regolari lill-ECCG u lis-CPG. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ilha toħroġ rapporti trimestrali ta' progress konsolidati dwar it-tranżizzjoni lejn is-sistemi l-ġodda mill-ewwel trimestru tal-2021, li jipprovdu KPIs għad-detezzjoni bikrija tat-twissijiet. Moduli ta' apprendiment elettroniku, dokumenti ta' gwida u materjal ieħor ta' informazzjoni tqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri u tal-operaturi ekonomiċi. Sal-15 ta' Diċembru 2025, l-Istati Membri kollha rnexxielhom ivaraw is-sistema tagħhom f'dak li jirrigwarda l-funzjonalitajiet ewlenin, bil-Portugall, bi Franza u bil-Greċja jkunu l-aħħar Stati Membri. Dan juri li l-miżuri ta' mitigazzjoni miftiehma f' tmiem l-2024 bil-bidla fid-data ta' tranżizzjoni u l-monitoraġġ imsaħħaħ tal-progress irriżultaw li huma t-triq it-tajba 'l quddiem. Dak li għad irid isir għal ftit Stati Membri huwa relatat mal-implimentazzjoni tal-funzjonalitajiet mhux ewlenin, li se jkomplu jiġu mmonitorjati matul l-2026 sabiex jiġi żgurat li l-operaturi ekonomiċi jkunu jistgħu jibbenefikaw mis-simplifikazzjonijiet kollha offruti mill-KDU, bħall-Iżdoganar Ċentralizzat fl-Esportazzjoni (CCE).

Għall-proġett **PoUS – Fażi 2**, l-operazzjoni ċentrali tiegħu tiddependi fuq il-varar nazzjonali. Il-proġett miexi skont l-iskeda minn perspettiva doganali ċentrali, madankollu, hemm dewmien importanti fid-disponibbiltà tas-Single Windows Nazzjonali Marittimi mill-awtoritajiet marittimi tal-Istati Membri kif stabbilit fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-22 ta' Ottubru 2024 li tippreżenta l-aġġornament tal-2024 tal-Pjan ta' Implimentazzjoni Pluriennali għall-istabbiliment ta' Single Window Marittima Ewropea (C/2024/6300). F'konformità mad-deċiżjoni ta' deroga mogħtija, l-Istati Membri huma meħtieġa jirrapportaw dwar il-progress fil-provvista tal-interfaċċa bejn is-sistema PoUS kif imsemmi fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/2879 u s-Single Window Nazzjonali Marittima kif previst fir-Regolament (UE) 2019/1239, kull 4 xhur mill-15 ta' Awwissu 2025, sal-15-il jum wara r-raba' xahar. Il-Kummissjoni talbet lill-amministrazzjonijiet doganali fil-laqgħat tal-Grupp ta' Koordinazzjoni dwar id-Dwana Elettronika (ECCG) u tal-Grupp Kummerċjali Doganali (CBG) biex jaħdmu f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet marittimi sabiex iżidu l-għarfien espert tagħhom għall-implimentazzjoni.

Fl-2025 kien mistenni varar ulterjuri għall-NCTS – **Fażi 6** peress li l-operaturi tat-trasport bil-ferrovija u bit-triq kienu mistennija jikkonformaw mar-rekwiżiti l-ġodda tas-sigurtà doganali tal-UE mill-1 ta' Settembru 2025. Għar-raġunijiet spjegati fit-taqsimiet 3.7.2, 4.2 u 4.5.2, din id-data ġiet estiża sal-1 ta' Ġunju 2026 għall-NCTS – Fażi 6. F'konformità mad-deċiżjoni ta' deroga mogħtija għall-NCTS – Fażi 6, l-Istati Membri huma meħtieġa jirrapportaw kull xahar lill-Kummissjoni Ewropea dwar il-progress li sar fl-iżvilupp tal-interkonnessjoni prevista fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/2879. L-NCTS – Fażi 6 hija pass ewlieni lejn ambjent ta' tranżitu aktar armonizzat u mmexxi mid-data madwar l-Ewropa — iżda t-tranżizzjoni ma hijiex uniformi. Xi negozjanti se jibbenefikaw malajr minn preżentazzjonijiet simplifikati, filwaqt li oħrajn iridu jkomplu jitrattaw dikjarazzjonijiet separati tat-tranżitu u tas-sigurtà. Matul it-tranżizzjoni, għal vjeġġi multimodali jew multinazzjonali, ir-regoli tal-preżentazzjoni jistgħu jvarjaw bejn il-pajjiż tat-tluq, tat-tranżitu u tad-destinazzjoni. B'ħarsa 'l quddiem, huwa mistenni li sa nofs l-2026 it-tranżizzjoni tkun lesta u l-Istati Membri kollha se jkunu fl-NCTS – Fażi 6. Sadanittant, l-Istati Membri u l-operaturi ekonomiċi għandhom iħejju ruħhom u jiżguraw il-prontezza teknika tagħhom għall-NCTS – Fażi 6 biex ikunu f'pożizzjoni tajba biex imexxu l-merkanzija bla xkiel fix-xenarju ta' tranżitu li qed jevolvi. Il-Kummissjoni se timmonitorja l-progress mill-qrib ħafna.

²⁰ Fil-WP tal-KDU tal-2023, it-tmiem tal-perjodu ta' varar għall-funzjonalitajiet ewlenin tas-sistema kien previst għall-1 ta' Diċembru 2023, l-iżvilupp ta' interfaċċa armonizzata mal-EMCS għat-13 ta' Frar 2024, u l-funzjonalitajiet li fadal għat-2 ta' Diċembru 2024. Sat-2 ta' Diċembru 2024, l-Istati Membri u n-negozjanti kollha kellhom jużaw is-sistema AES bil-perjodu ta' tranżizzjoni li ntemm fil-11 ta' Frar 2025.

Fir-rigward tas-sitwazzjoni tas-**sistema tas-CCI**, 17-il Stat Membru ma laħqux id-data tal-1 ta' Lulju 2024 għall-varar tas-CCI – Fażi 1 stabbilita fil-WP tal-KDU²¹ filwaqt li għas-CCI – Fażi 2, 19-il Stat Membru ma laħqux l-iskadenza tat-2 ta' Ġunju 2025. Id-dewmien tal-Istati Membri flimkien mal-approċċi differenti għall-iżvilupp u għall-varar inkrementali tas-sistema għas-CCI (ara l-Illustrazzjoni 6 hawn taħt dwar l-Ippjanar Operazzjonali) joħloq żbilanċ bejn l-implimentazzjoni tal-ambitu tas-CCI fl-Istati Membri u r-rekwiżiti mill-operaturi ekonomiċi mill-implimentazzjoni sħiħa tas-CCI.



Illustrazzjoni 6: L-Ippjanar Operazzjonali skont l-Amministrazzjonijiet Nazzjonali (AN) tal-Istati Membri

Il-Kummissjoni kompliet l-attivitajiet tagħha biex timmonitorja mill-qrib il-progress tal-iżvilupp tal-komponenti nazzjonali mill-Istati Membri **għall-proġett tas-CCI** u stabbiliet rapport ta' progress konsolidat trimestrali mill-ewwel trimestru tal-2024. Barra minn hekk, it-tim tan-negozju tas-CCI dedikat tal-Kummissjoni kompli bl-isforzi tiegħu biex jindirizza l-mistoqsijiet tal-Istati Membri dwar l-importazzjoni u s-simplifikazzjonijiet fl-importazzjoni bħall-iżdoganar ċentralizzat. Barra minn hekk, ġew organizzati laqgħat tal-Grupp Kummerċjali Doganali tas-CCI biex jikkoordinaw fost l-oħrajn l-attivitajiet relatati mal-applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni tas-CCI, kif ukoll laqgħat tekniċi regolari kull ġimgħa u kull ġimagħtejn, u sessjonijiet ta' feedback dwar l-ittestjar tal-konformità.

Moduli tal-apprendiment elettroniku u materjal ta' komunikazzjoni ġew ippubblikati fuq is-sit web Europa biex jappoġġaw it-tranżizzjoni lejn is-sistemi l-ġodda u l-implimentazzjoni tagħhom. Il-Kummissjoni haġġet ukoll ittri amministrattivi lill-Istati Membri li qed jiffaċċjaw dewmien fl-implimentazzjoni tal-proġett CCI lil hinn mill-iskadenza legali.

Id-dewmien li jesperjenzaw l-Istati Membri jaffettwa l-progress tas-sistemi trans-Ewropej kollha li, imbagħad, **jaffettwa l-attivitajiet tal-Kummissjoni**. Dan jirrikjedi investiment kontinwu fir-riżorsi ddedikati għall-ittestjar tal-konformità, il-koordinazzjoni u l-attivitajiet ta' appoġġ għall-proġetti trans-Ewropej kif ukoll manutenzjoni estiża tal-komponenti ċentrali matul il-perjodi ta' tranżizzjoni. Dan jinvolvi wkoll aktar assistenza lill-Istati Membri u monitoraġġ tal-progress.

Fil-qosor, matul l-2025, **il-Kummissjoni** haġġet ukoll għadd ta' miżuri, komplementari għal dawk identifikati u mwettqa fil-livell nazzjonali mill-Istati Membri.

L-ewwel nett, il-Kummissjoni **saħħet is-superviżjoni u l-monitoraġġ tal-programm diġitali tal-KDU** billi żiedet il-frekwenza tar-rapporti tal-progress u organizzat laqgħat bilaterali u missjonijiet fil-livell tad-Diretturi ma' kull wiehied mill-Istati Membri. L-implimentazzjoni tal-WP tal-KDU tqiegħdet b'mod konsistenti fuq l-aġenda tal-laqgħat u tal-missjonijiet immexxija mid-Direttur Ġenerali u fil-laqgħat

²¹ Fil-WP tal-KDU tal-2023, it-tmiem tal-perjodu tal-varar kien previst għall-1 ta' Lulju 2024.

plenarji ta' livell għoli mad-Diretturi Ġenerali tal-Istati Membri, bħal fil-Grupp tal-Politika Doganali, u mas-CIOs tal-Istati Membri fin-Network tas-CIOs. L-Istati Membri ġew imħeġġa jsegu mill-qrib il-progress għall-proġetti li fadal u jieħdu miżuri ta' mitigazzjoni bil-għan li jitlesta l-programm diġitali tal-KDU sa tmiem l-2025.

Il-Kummissjoni kompliet tuża dashboard tal-Pjan Strateġiku Pluriennali għad-Dwana (MASP-C) ibbażat fuq ir-Reviżjoni tal-MASP-C tal-2023 u l-WP tal-KDU tal-2023 biex timmonitorja l-progress u l-istadji importanti tal-proġett u tidentifika dewmien fi stadju bikri. Id-dashboard huwa ppreżentat fuq bażi trimestrali lill-Istati Membri fl-ECCG li qed jiltaqa' b'mod konġunt mal-komunità kummerċjali.

It-tieni, il-Kummissjoni kompliet issaħħaħ l-assistenza tagħha lill-Istati Membri għas-sistemi trans-Ewropej billi adottat approċċ aġli u iterattiv għall-iżvilupp u għall-varar tas-sistemi elettroniċi tal-KDU. Dan il-metodu, li jinkludi l-prototipar, riżoluzzjoni rapida ta' kwistjonijiet, u ammont ta' xogħol bilanċjat kemm għall-Kummissjoni kif ukoll għall-Istati Membri, itejjeb il-kwalità tas-sistema u jiffaċilita progress tanġibbli. Dan l-approċċ intlaqa' tajjeb mill-Istati Membri u min-negozjanti.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni stabbiliet **mekkaniżmu kollaborattiv** fost il-partijiet ikkonċernati mill-bidu tal-proġetti biex issaħħaħ l-attivitatiet preparatorji, tipprevjeni diffikultajiet fit-teħid tad-deċiżjonijiet u tiżgura t-trasparenza permezz ta' aġġornamenti regolari tal-proġetti.

Il-Kummissjoni kompliet ukoll bil-**programmi ta' koordinazzjoni u monitoraġġ** għal kull wieħed mill-proġetti li għaddejjin relatati mas-sistemi trans-Ewropej ICS2, NCTS, CCI u AES.

It-tielet, il-Kummissjoni fittxet l-input tal-Istati Membri permezz ta' sħarriġiet u mezzi oħrajn dwar il-limiti tagħhom u l-appoġġ meħtieġ biex jittaffew ir-riskji. L-Istati Membri esprimew li l-laqqgħat bilaterali fil-livell tad-Diretturi u d-djalogu tekniku mad-DĠ TAXUD kienu ta' benefiċċju kbir. Il-Kummissjoni kompliet bl-eżerċizzju biex tiġbor it-**tagħlimiet meħuda u l-aħjar Prattiki** għall-iżvilupp tal-proġetti diġitali. Għal dak il-għan, l-istħarriġ li sar fl-2025 ipprova din l-informazzjoni u l-eżiti żdiedu mat-taqsimha 1 tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanja dan ir-rapport. Barra minn hekk, diversi Stati Membri qasqu l-esperjenzi u l-prattiki nazzjonali tagħhom fit-trasformazzjoni diġitali tal-KDU matul il-laqqgħa tal-Grupp ta' livell għoli dwar il-Politika Doganali f'Lulju u f'Diċembru 2025 u l-laqqgħa tan-Network tas-CIOs f'Novembru 2025.

Ir-raba', f'konformità mal-**istrateġija tal-infurzar tal-UE**, il-Kummissjoni involviet ruħha wkoll f'korrispondenza formali mal-Istati Membri li qed jiffaċċjaw dewmien fl-implimentazzjoni tas-sistemi diġitali. Il-Kummissjoni ddeċidiet li tieħu azzjoni legali kontra l-Istati Membri talli naqsu milli jikkonformaw mal-obbligi tagħhom skont il-KDU u l-WP tal-KDU. Infetħu proċeduri ta' ksur kontra 14-il Stat Membru (l-Awstrija, il-Belġju, iċ-Ċekja, Ċipru, id-Danimarka, Franza, il-Greċja, l-Irlanda, l-Italja, Malta, is-Slovakkja, is-Slovenja, il-Portugall u r-Rumanija) f'Mejju²², f'Ġunju²³ u f'Lulju²⁴ tal-

²² Intbagħtu ittri ta' intimazzjoni (LFN) liċ-Ċekja (INFR(2025)2017), lid-Danimarka (INFR(2025)2018), lill-Greċja (INFR(2025)2019), lill-Awstrija (INFR(2025)2015), lir-Rumanija (INFR(2025)2020), u lis-Slovakkja (INFR(2025)2021) talli naqsu milli jvaraw is-sistemi elettroniċi għall-Ħażna Temporanja għat-trasport bl-ajru u, f'xi każijiet, is-Sistema Nazzjonali tal-Importazzjoni, sal-iskadenza tal-31 ta' Diċembru 2023. Barra minn hekk, intbagħtu LFN lid-Danimarka (INFR(2025)2011), lil Franza (INFR(2025)2012), lil Ċipru (INFR(2025)2010), lill-Awstrija (INFR(2025)2007), lill-Portugall (INFR(2025)2013), u lir-Rumanija (INFR(2025)2014) talli naqsu milli jittrażmettu data doganali kompluta lill-Kummissjoni permezz ta' SURV3. https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/inf_25_982

²³ Inbdew proċeduri ta' ksur kontra l-Portugall (INFR(2025)2064) u l-Belġju (INFR(2025)2016) għan-nuqqas ta' varar tas-sistema għall-Ħażna Temporanja għat-trasport bl-ajru, u fil-każ tal-Portugall, anke għas-Sistema Nazzjonali tal-Importazzjoni. Barra minn hekk, intbagħtet ittra ta' intimazzjoni (LFN) lill-Belġju (INFR(2025)2009) talli naqas milli jittrażmetti data doganali kompluta lill-Kummissjoni permezz tas-sistema SURV3. https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/inf_25_1241

²⁴ Il-Kummissjoni ħarġet ittri ta' intimazzjoni (LFN) lil Franza (INFR(2025)2060) u lil Ċipru (INFR(2025)2061) għan-nuqqas ta' varar tas-Sistema għall-Ħażna Temporanja u għas-Sistema Nazzjonali tal-Importazzjoni, u fil-każ ta' Franza, anke għas-Sistema Awtomatizzata tal-Esportazzjoni. Barra minn hekk, iċ-Ċekja (INFR(2025)2054), l-Irlanda (INFR(2025)2055), l-Italja (INFR(2025)2056), Malta (INFR(2025)2057), is-Slovenja (INFR(2025)2059), u s-Slovakkja (INFR(2025)2058) ġew iċċitati

2025 talli naqsu milli jissodisfaw l-obbligi tagħhom li jvaraw is-sistema għall-Ħażna Temporanja għat-Trasport bl-ajru (TS Air), is-Sistema Nazzjonali tal-Importazzjoni (NIS), is-Sistema Awtomatizzata tal-Esportazzjoni (AES) u talli naqsu milli jissodisfaw l-obbligi tagħhom dwar it-trażmissjoni tad-data doganali lis-sistema ta' Sorveljanza (SURV3).

Meta wieħed iħares lura lejn l-esperjenzi ġenerali tat-tranżizzjoni diġitali u l-implimentazzjoni tal-KDU matul perjodu ta' 10 snin, intalab ir-rispons tal-Istati Membri matul laqgħa dedikata tas-CIOs dwar l-akbar sfidi matul l-implimentazzjoni diġitali tal-KDU. It-tweġibiet urew xejra ċara: **it-tliet diffikultajiet l-aktar sinifikanti kienu, b'marġni konsiderevoli, (1) strutturi ta' governanza li jippermettu t-teħid ta' deċiżjonijiet f'waqtu, (2) is-sostenn tal-involviment tal-partijiet ikkonċernati, u (3) id-definizzjoni u ż-żamma ta' ambitu ċar.** Il-kumplessità tal-arranġamenti ta' governanza nazzjonali, f'ċerti każijiet, ħolqot tixrid tar-responsabbiltà. Fi programmi ta' trasformazzjoni diġitali fuq skala kbira bħall-KDU, ir-responsabbiltà mifruxa tfisser direttament riskju ta' twettiq. L-esperjenza tal-Kummissjoni wriet li t-twettiq jitħaffef biss meta jiġu stabbiliti sjieda ċara ta' livell għoli, tmexxija u koordinazzjoni ċentrali fil-livell nazzjonali; il-progress kien ferm aktar mgħaġġel u aktar prevedibbli.